**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 3 – Espressjoni ta' Interess - Proġett Dar ta' l-Anzjani inkluz bini ġdid ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa tas-sotto kumitat ta' nhar il-Erbgħa 14 t'Awwissu 2013.

1.02 Il-laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-11.00a.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Richard Scicluna
L-iskrivana Marilyn Cassar

Care Malta Ltd:

Is-Sur Zaren Vassallo
Is-Sinjura Natalie Briffa Farrugia
L-Avv. Charlene Vella Vassallo

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsilliera Irene Borg

1.05 Kienu preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill, Stephen Farrugia kif ukoll l-Avukat Dr. Jennifer Shaw mill-Uffiċċju ta' Dr. Stefano Filletti li huwa l-Avukat tal-Kunsill.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.07 Il-Perit spjega lill-CareMalta Ltd il-proċess s'issa u li l-pass li jmiss kien li tiġi sottomessa l-applikazzjoni flimkien mal-Kunsill għal sejħa ta' Espressjoni ta' Interess li ħareġ il-Gvern u li tagħlaq fl-20 t'Awwissu 2013.

1.08 Iċ-Ċermen wera x-xewqa tal-Kunsill li l-binja tal-Kunsill trid titla mal-binja tad-Dar tal-Anzjani, l-permessi kollha jkunu għas-spejjeż tal-kuntrattur, kif ukoll li l-Kunsill ikollu l-aħħar kelma fil-binja tal-Kunsill.

1.09 Is-Sur Vassallo għan-nom ta' CareMalta Ltd aċċetta u rringrazzja lill-Kunsill tal-fiduċja li urew fih.

1.10 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat *Letter of Acceptance* lill-CareMalta Ltd li ġew appuntati bħala *strategic partner* u li ssir laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar l-*Memorandum of Understanding.*

1.11 Il-Perit ġie mitlub jibghat *soft copy* tal-pjanti lil CareMalta Ltd.

1.12 Ġie deċiż unanimament li qabel jiġi ffirmat il-*Memorandum of Understanding* ssir *presentation* waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

1.13 Minħabba li l-CareMalta Ltd kienet diġa rregistrat fil-website għas-sottomessjoni tal-Gvern, ġie deċiz li din il-sottomessjoni tkun "*Joint Offer as part of CareMalta Ltd submission*".

1.14 Il-laqgħa ntemmet fl-12.40p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Marilyn Cassar** |
| **Sindku** | **Skrivana** |